# Relikwi u Relikwarji tal-Kavallieri



**Guido Lanfranco**

Mill-Medjuevu u fi żmien il-Kavallieri f'Malta, inzerta kien żmien meta r-relikwi kienu fl-aqwa tagħhom. Billi l-Kavallieri kienu ġejjin minn diversi pajjiżi Ewropej, kellhom devozzjonijiet mill-aktar varji u qima u apprezzament speċjali lejn ir-relikwi deskritti bħala fdalijiet ta' qaddisin u postijiet u oġġetti assoċjati magħhom.

L-aktar relikwa mportanti li kellhom kienet dik tal-għadam mill-id il-leminija ta' San Ġwann Battista, il-qaddis patrun tal-istess Ordni tal-Kavallieri. Din kienu ġabuha magħhom minn Rodi fl-1530 u magħhom ħarġet minn Malta meta keċċihom Napuljun Bonaparti fl-1798. Imma dwar din maħniex se niddiskutu f'din il-kitba minħabba li għandha storja kemxejn twila u hija wkoll l-aktar magħrufa. Imma dwar il-maġġoranza tar-relikwi l-oħra mhux kulħadd sema'. Hawn se naraw fil-qosor xi ħaġa dwar il-ħafna relikwi u relikwarji oħra li l-Kavallieri kellhom f'Malta.

Ma ninsewx li fl-1798 kien invada 'l Malta Napuljun Bonaparte waqt li kien fi triqtu f'kampanja kontra l-Eġittu u keċċa lill-Ordni ta' San Ġwann mingħajr biss saret reżistenza kontrih. Minbarra l-intriċċi li kien hemm, raġuni prinċipali biex kienet daqshekk faċli għalih li jxejjen 'l Ordni f'Malta kienet li l-biċċa l-kbira tal-Kavallieri kienu huma stess Franċiżi. Matul il-waqfa qasira tiegħu għamel minn kollox biex ir-rikkezzi kollha tal-Ordni jittieħdu biex isiru flus u, billi r-relikwarji li kien hemm f'San Ġwann u knejjes oħra tal-Ordni kienu mimlijin dehebijiet, fided, djamanti u ħaġar prezzjuż, dawn kważi kollha ntilfu imma l-għadam u r-relikwi l-oħra li kien fihom tħallew wara u uħud minnhom, wara żmien, ngħataw relikwarju ġdid.

Meta l-Kavallieri ġew Malta fl-1530 ġabu magħhom ħafna relikwi. Fil-Birgu bnew kamra soda apposta għar-relikwi li għaliha kellhom disa' ċwievet, waħda għal kull Lingwa tal-Ordni u oħra għall-uffiċjal tal-isptar. Saħansitra l-Gran Mastru D'Homedes kellu jitlob il-permess biex jibgħat biċċa relikwa rigal lill-Kommenda tal-Ordni f'Katalonja.

Wara l-assedju tal-1565, fl-1566 kien hemm xniegħa u biżgħa ta' xi attakk ieħor mit-Torok, għalhekk La Valette ordna li tkun lesta galera biex, jekk dan jiġri, jistgħu jittrasferixxu r-relikwi lejn Sqallija. Jingħad li f'Sant Iermu, waqt l-Assedju l-Kbir, kellhom xi relikwi. L-aħħar assalt fuq dik il-fortizza kien fit-22 ta' Ġunju. Meta raw li wasal it-tmiem id-difensuri ġabru flimkien ir-relikwi, kalċi, kurċifissi u affarijiet oħra u difnuhom f'ħofra fonda biex ma jiġux imkasbra f'idejn it-Torok.

**Il-Kappella tar-Relikwi**

F'San Ġwann hemm diversi kappelli għal-Lingwi differenti tal-Ordni u waħda minnhom hija dik ta' San Karlu Borromeo. Fl-1784 kienet assenjata lill-Lingwa ta' Baviere. Ir-relikwi tal-Kavallieri għall-ewwel kienu miġburin fl-ispazju quddiem id-daħla tal-oratorju tal-Martirju ta' San Ġwann u, b'tema li għandha x'taqsam mar-relikwi, Antoine Favray kien pitter iż-żewġ lunetti li waħda minnhom turi s-sejba tar-ras ta' San Ġwann Battista wara l-martirju u l-oħra tfakkar l-għotja tar-relikwa tal-id ta' San Ġwann lill-Gran Mastru f'Rodi. Fl-1742 din il-kappella ġiet restawrata u dekorata kif narawha llum mill-Ballijau Veri. Fl-1738 dawn ir-relikwi ħaduhom fil-kappella ta' San Karlu u għalhekk din saret ukoll magħrufa bħala l-Kappella Tar-Relikwi. Ir-relikwarji, tista' tgħid kollha kemm huma, kienu ġew misruqa jew sfigurati minn Napuljun, meta nvada 'l Malta fl-1798 u ħa kullma kien prezzjuż minnhom. Ir-relikwi mingħajr relikwarji li kien fadal inżammu għand l-Isqof għal xi żmien imma wara tqiegħedu lura fil-kappella tagħhom. Relikwarju kbir bir-relikwi tal-knisja ta' San Ġwann kien jinżamm f'din il-kappella li kellu bżonn disa' ċwievet biex jinfetaħ, bħalma rajna għall-kamra Ii kienu bnew fil-Birgu meta l-Kavallieri kienu għadhom kemm ġew Malta.

**Kull Xorta ta' Relikwi**

Tista' tgħid li r-relikwi huma kollha bċejjeċ ta' għadam, imma fost oħrajn kien hemm ukoll biċċa mill-porpja ta' San Carlo Borromeo, iċ-ċoqqa ta' San Bernardu Abbati u ta' San Franġisk ta' Paola, ġebla milli ntefgħu lejn San Stiefnu, firma ta' San Tumas t'Aquinas u xi fdal ieħor bħal biċċa mill-maxtrua ta' Betlem, biċċa mill-libsa ta' Kristu u xewka mill-kuruna u bosta oħrajn. L-għadam tar-relikwi kienu bċejjeċ jew sħaħ, mid-dirgħin, idejn, saqajn, sinsla, kustilji, xedaq, ras jew ukoll ġabra minn xi skeletru sħih.

Fost il-qaddisin li tagħhom kien hemm relikwi mill-għadam nistgħu insemmu dawn: San Ġwann Elemosinarju, San Vinċenz Ferreri, San Kristofru, San Nikola ta' Bari, San Blas, San Damjanu, San Stiefnu, San Ġorġ M., San Anton Abbati, San Krisostmu, Santa Kjara, Sant' Anna, Santa Toskana, Santa Katarina V.M., Santa Marija Madalena. San Bert, Santu Wistin, San Ludoviko, Sant'Andrija ta' Kreta, Santa Teodora, San Valerjano, San Polikarpo, San Girgor ta' Nazaret, San Ġwann ta' Damasku, Sant'Elena, Santa Teofora, San Franġisk ta' Sales, Sant'Orsla, San Ilarju Abbati, San Lazzru isqof, San Sebastjan, Sant'Andrija, Santu Rokku, San Mattew, San Candido M., San ġokondo u San Tumas ta' Canterbury. Hemm ukoll biċċa mill-Innoċenti Martri.

Jingħad li kellhom ukoll biċċa mill-iskutella tar-ras tal-Beatu Ġerardu li kien beda l-Ordni ta' San Ġwann u li kienet ġiet approvata mill-Papa fl-1113; Ġerardu kien miet fl-1120. Minbarra dawn il-Kavallieri kellhom diversi relikwi assoċjati mal Passjoni ta' Kristu, l-aktar bċejjeċ mill-Veru Linju (is-salib). Ir-relikwa ta' San Sebastjan kienet imdaqqsa u dwarha tingħad leġġenda li farka minnha kienu bagħtuha f'Majorka fejn kienhemm il-pesta, u minn dak iż-żmien il-marda ma messithomx aktar .

Għall-kappella ta' San Ġorġ, tal-Lingwa ta' Aragona, Catolonia u Navarre, kellhom ostensorju għamla ta' id li kien fih għadma sħiħa ta' San Ġorġ. Ir-relikwa

waħedha wara nżammet ġo urna ndurata. Fl-istess kappella kellhom ostensorju li wkoll insteraq mill-Franċiżi, li kellu relikwa ta' San Vinċenz li l-Gran Mastru kien irċieva fl-1716; ir-relikwa kienu ddepożitawha fil-knisja tal-Vitorja. F'din il-kappella kellhom ukoll biċċa mil-veru linju.

Fl-altar tal-kappella tal-Lingwa tal-Italja kellhom devozzjoni lejn il-fdalijiet korp sant ta' Santa Ewfemja li kienu ġabu magħhom minn Rodi u għall-ewwel żammewhom fil-kappella tar-relikwi f'urna tal-fidda rregalata minn La Valette. L-urna nsterqet minn Napuljun imma l-għadam irritornawhom fl-altar fl-1874.

**Żieda ta' Relikwi**

Mar-relikwi li ġabu magħhom minn Rodi, komplew iżidu oħrajn għax kien ikollhom donazzjonijiet mhux biss minn Kavallieri individwali benefatturi u Gran Mastri imma wkoll minn renjanti barranin u papiet.

Lascaris irregala kaxxa tal-fidda li fiha kien hemm relikwi differenti ta' San Carlo Borromeo. Il-Gran Mastru Perellos, meta tkun il-festa ta' xi qaddis partikolari, bħal Santa Ubaldesca, Santa Rosalia, San Ġwann Battista, u x-Xewka ta' Kristu, kien joħroġ spejjeż minn butu biex isir restawr jew tisbieħ lir-relikwarji tagħhom.

L-għadam jew korp sant ma' vażett demm niexef ta' San Fedele kienu ppreżentati lill-Gran Mastru Despuig mill-Papa Klement XII fl-1739 u saret translazzjoni solenni bħalma kien isir dejjem bil-kbir fil-każ ta' relikwi ġodda. Relikwi ta' San Klement ieħor lil Pinto Għall-knisja ta' San Ġakbu tal-Lingwa ta' Kastilja u Portugal; dawn mgħandhomx jiġu mfixkla ma' l-oħrajn li semmejna.

Il-Gran Mastru Vilhena kien irregala biċċa mis-Salib, flimkien ma' relikwa ta' Sant'Antnin ta' Padova f'relikwarju tal-fidda, għall-knisja tal-Forti Manoel. Il-Gran Mastru Raimondo Perellos kien imsemmi għal San Rajmono ta' Pennyafort, Dumnikan. Kien devot ta' San Vinċenz Ferreri u minn Franza rnexxielu jġib relikwa ta' id il-qaddis għall-knisja ta' San Ġwann. Il-Papa Pawlu V flimkien mal-ambaxxatur tar-Re ta' Spanja irregalaw relikwi għall-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat/ Ma' din il-grotta kien assoċjat l-eremita Juan Benegas li fl-1606 bena fuqha l-knisja ta' San Publiju. Dan il-kompless eventwalment ġie f'idejn l-Ordni tal-Kavallieri. Ir-relikwi waslu fuq il-kapitana tal-Ordni u saret it-translazzjoni tagħhom mill-knisja tal-Kapuċċini tal-Furjana, b'ħafna ċeremonji, qniepen, saluti bil-kanuni, proċessjoni, fratellanzi, Kavallieri u l-Kleru. Il-korteo kellu mal-20,000 parteċipant, waqaf biss ħ'Attard u spiċċa bit-Tedew. Il-Kapitlu jew Kulleġġ tal-Grotta ta' San Pawl u l-knisja ta' San Pupulju għadu jilbes bis-salib tal-kavallieri fil-proċessjonijiet.

Il-Papiet kienu jirregalaw xabla u kappell bħala unur lil personalitajiet li jkunu jiddefendu l-interessi tal-Knisja. Il-Gran Mastru Pinto kien irċeva dan l-unur fl-1747. L-għotja saret, bħas-soltu, b'ħafna ċerimonji. ġie bihom Kardinal bil-galeri, karrozzella b'sitt żwiemel bojod, u kavallerija,fost sparar ta' saluti mill-kanuni, daqq ta' tnabar u ta'qniepen. Fost ir-rigali li l-Papa ta lil Pinto kien hemm kaxxa ntarzjata bid-deheb b'xi relikwi fiha. Il-galera *San Antonio* ġabet Malta lill-Inkwiżitur Salviati. Lil Pinto, dan irregalalu statwetta tal-fidda turi lil Kristu mal-Kolonna, u ta xi flus lill-baħrin, imma lill-kaptan tal-galera tah

relikwarju ta' Sant Antnin.

**Rigali lill-Barranin**

Minbarra li kienu jirċievu rigali ta' relikwi il-Gran Mastri kienu wkoll jagħtu rigali huma stess f'okkażjonijiet speċjali. Meta twieled Lwiġi XIV ta' Franza, l-Gran Mastru bagħat rigal lir-Reġina Anna. Dan ir-rigal kien wieħed mis-swaba ta' Sant' Anna f'relikwarju prezzjuż.

Fl-1587, il-Gran Mastru Verdala kien mistieden għall-magħmudija ta' Filippo Emanuele iben ir-Re Filippu III u l-Infanta ta' Spanja. Minfloku bagħat lill Isqof Gargallo biex jirrappreżentah u miegħu bagħatilhom ir-rigal li kien wieħed mis-swaba ta' Santa Katarina tal-Lixandra f'relikwarju tal-fidda; dan għamlu għax mart ir-re kien jisimha Katarina. Ir-relikwarju kien insteraq mill-Franċiżi mal-oħrajn imma l-għadam tal-id kienu baqgħu. Fuq wieħed mit-tlitt iswaba li kien hemm fir-relkikwarju tal-kappella ta' Santa Katarina (tal-Lingwa tal-Italja) kien hemm ċurkett. Dan suppost li kien dak li l-Bambin ta lil Santa Katarina fiż-żwieġ mistiku tiegħu magħha kif jidher ukoll fl-inkwadru titulari tagħhom.

Mill-korp sant ta' Santa Ewfemja fl-altar tal-Lingwa tal-Italja, il-Gran Mastru Alof Wignacourt fl-1606 ħa biċċa għadma mis-sieq biex jirregalaha lill-knisja tat-Tliet Slaten fil-Ġermanja. Il-Gran Mastru Vilhena ma tax direttament relikwa ta' San Filippu ta' Aġġira imma fl-1724 saru festi kbar għat-translazzjoni tar-relikwa li waslet Ħaż-Żebbuġ bl-intervent dirett tiegħu.


**RAYMOND'S IRONMONGERY**

**TRIQ IL-BARJOLA, GUDJA**

**Tel / Fax: 2180 6645 - Mob: 9945 9637**

**FRAME MAKER - GLASS CUTTING**

Water and Electrical Fittings, Building
Materials & Household Goods,
Repairs of all Electrical appliances

**FOR HIRE**

Jiggers - Generators - Mixture & Special Chasers